Европейски парламент Parlamento Europeo Evropský parlament Europa-Parlamentet Europäisches Parlament
Euroopa Parlament Ευρωπαϊκό Κοινοβούλιο European Parliament Parlement européen Parlaimint na hEorpa
Europski parlament Parlamento europeo Eiropas Parlaments Europos Parlamentas Európai Parlament
Parlament Ewropew Europees Parlement Parlament Europejski Parlamento Europeu Parlamentul European
Európsky parlament Evropski parlament Euroopan parlamentti Europaparlamentet

EU 2016 Parliamentary dimension

D 322012 21.12.2015

Onor Anġlu Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Triq ir-Repubblika
VALLETTA - VLT 1115

Sur Speaker, għażiż kollega,

L-Istati Ġenerali tan-Netherlands u l-Parlament Ewropew għandhom il-pjaċir jistednuk għall-Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza tal-Unjoni Ewropea (il-Konferenza skont l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSCG)). Il-Parlament Ewropew jixtieq ukoll jistiednek għal laqgħa interparlamentari dwar iċ-Ċikli tas-Semestru Ewropew 2015/2016. Iż-żewġ avvenimenti huma parti mill-edizzjoni 2016 tal-Ġimgħa Parlamentari Ewropea (ĠPE).

Il-laqgħa **interparlamentari dwar iċ-Ċikli tas-Semestru Ewropew 2015/2016** fis-16 ta' Frar, organizzata mill-Parlament Ewropew, ser tipprovdi opportunità biex isir dibattitu dwar l-aħħar bidliet proposti għall-proċess tas-Semestru Ewropew u skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni taċ-ċikli tas-Semestru, u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex jiġi eżerċitat skrutinju fuq l-azzjonijiet tal-eżekuttiv fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew, fil-qafas taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew.

Il-**Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni Ekonomika u l-Governanza tal-Unjoni Ewropea** fis-17 ta' Frar, koorganizzata u mmexxija mill-Parlament tan-Netherlands u l-Parlament Ewropew, se tipprovdi qafas għal dibattitu u skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew u sabiex jingħata kontribut biex tiġi żgurata responsabilità demokratika fil-qasam tal-governanza ekonomika u tal-politika baġitarja fl-UE, b'mod partikolari fl-UEM, filwaqt li titqies id-dimensjoni soċjali u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-parlamenti tal-UE.

Iż-żewġ konferenzi ser isiru fil-bini tal-Parlament Ewropew fi Brussell u se jlaqqgħu parlamentari minn madwar l-UE.

Nittamaw ħafna li l-parlament/Kamra tiegħek tkun rappreżentata f'dawn iż-żewġ okkażjonijiet tal-ĠPE 2016 u ninsabu konvinti li l-parteċipazzjoni tiegħek se tikkontribwixxi biex id-diskussjonijiet jagħtu l-frott.

Dejjem tiegħek,

| | | |
|---|---|---|
| **Martin Schulz**<br>President tal-Parlament Ewropew | **Ankie Broekers-Knol**<br>President tas-Senat tan-Netherlands | **Khadija Arib**<br>L-Aġent Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti tan-Netherland |